# LILL-WERŻIEQ

*Smajtek minn fuq ir-riħ tal-wied li jħaddar*
*Bħal tbissima ta' serħ, waqt li ma' dwaru*
*Fuq naħa u oħra l-blat ta' Malta jifrex*
*Tapit taċ-ċomb. Smajtek, ħabib, u faru*

*L-għoljiet b'għanjietek. Iżda fejnek? Issa*
*Li ħdejk inżilt, dik l-għanja waħdanija*
*Għaliex sikkittha, waqt li jiena, liebet*
*Qiegħed infittxek bħallikieku ħija?*

*Qed tibża' forsi li ser nisraqhielek*
*Dik l-għanja li taf tgħaxxaq il-ħolqien?*
*Le, le, Poeta. Lilek, Alla riedek*
*Għannej tal-ferħ. Iżda jaħasra, jien*

*Meta bħalek fil-kant irrid nixxiegħel,*
*U ruħ il-għana ġġorrni lejn is-sema,*
*Minn fommi ma nafx noħroġ ħlief xi karba,*
*Minn qalbi ma nafx nagħsar ħlief xi demgħa.*

Selmun, 19. IX. 47. ĠORĠ ZAMMIT.